# IL-KNISJA KONVENTWALI TA' SAN ĠWANN

**Il-knisja konventwali ta' San Ġwann tirrappreżenta l-internazzjonalità tal-Ordni Kavalleresk ta' San Ġwann. Hija wkoll ix-xhieda ewlenija tan-natura reliġjuża u aristokratika tal-Ordni u l-post tal-mistrieħ tal-Gran Mastri Illustri tagħha u ta' membri distinti oħra. Minbarra navata prinċipali għall-użu komuni, kull waħda mit-tmien lingwi kellha l-kappella tagħha.**





Dettall mill-iskultura ndurata bid-deheb



### KNISJA KONVENTWALI

Bħala ċ-ċentru reliġjuż tal-Ordni sal-1798, il-knisja ta' San Gwann kienet is-sede tal-Gran Prijur, il-mexxej spiritwali tal-Kavallieri. Hu kien jgħammar fil-palazz li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja. It-tmexxija tal-knisja kienet f'idejn kapitlu ta' Kavallieri Ordnati magħrufa bħala cappellani maggiori.

### BINI

Mibnija kollha kemm hi mill-ġebla tal-franka, din il-knisja ħadet erba' snin biex tlestiet. Ix-xogħol tal-bini beda fl-1572, ftit tax-xhur wara l-ħatra ta' Jean l-Eveque de la Cassiere (1572-1581) bħala Gran Mastru. Il-konsagrazzjoni tagħha saret fi Frar 1578. L-iljuni li jinsabu fil-koppli tal-kappelli huma xhieda tar-rwol ewlieni u l-kontribut finanzjarju tal-Gran Mastru għat-tlestija tagħha.

### TQASSIM

Meta tlestiet, il-knisja ta' San Ġwann kienet l-akbar u l-aktar binja dominanti f'Malta, b'navata twila 64 metru u wiesgħa 20 metru, li ġiet imsaqqfa bi troll ġgantesk maqsum f'sitt bajjiet. Fl-istess waqt, in-navi huma maqsuma f'numru korrispondenti ta' kappelli. Il-pjanta tagħha saret mill-inġinier residenti tal-Ordni Ġlormu Cassar.

### FAĊĊATA

Il-faċċata qisha fortizza hija xhieda tal-burdata meqjusa tal-Ordni fis-snin ta' wara l-Assedju l-Kbir tal-1565. Din hija maqsuma f'ħames bajjiet u għandha bieb ċentrali u niċċa fuq kull naħa. Il-gallerija żdiedet ftit wara l-1660. Fuq kull naħa nsibu kampnar solidu u arjuż b'piramidi ottagonali fuqha.

### MERAVILJA

Id-dehra ta' ġewwa hija spettakolari. Il-volta drammatika ta' Mattia Preti, l-iskultura ndurata tal-ħitan, l-art tal-irħam interzjat u d-diversi monumenti mponenti li jfakkru l-Gran Mastri, joħolqu atmosfera mingħajr paragun fiċ-ċentru tal-Mediterran. Din il-knisja tgħożż diversi xogħolijiet mprezzabbli tal-arti oħra, fosthom il-pittura tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann ta' Caravaggio u sett tapizzeriji maestuzi maħduma fuq disinji ta' Peter Paul Rubens.

### KON-KATIDRAL

Wara t-tkeċċija tal-Kavallieri, l-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807) ressaq talba għal din il-knisja, u Napuljun Bonaparte ddeċieda li din kellha sservi ta' Kon-Katidral, filwaqt li l-Isqof kellu jieħu r-responsabbiltà spiritwali tagħha.

© 2021 Heritage Malta Publishing